MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1442/2002/1

**Avviz Numru 1442/02 AJD**
**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Antvin Monsigneur f'ismu proprju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem Pages Stationery**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Gunju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u seba' centezmi (Lm242.07) rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq kambjala li skadiet fil-15 ta' Gunju 2001 u li baqghet ma thalsitx.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 6 ta' Settembru 2001 u tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Ottubru 2001, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li f'Novembru 2000 huwa kien ghadda din is-somma ta' flus lil Paul u Tanya Borg li qed imexxu Pages Stationery, liema ammont huma kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Charles Caligari. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi Charles Caligari, r-rapprezentantt tas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u inoltre s-socjeta' attrici esibiet il-kambjala relattiva.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra qatt ma deher u qatt ma ressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Illi t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin u seba' centezmi (Lm242.07), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tald-9 ta' Ottubru 2001, ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**